

Brussell, 13 ta' Mejju 2025  
(OR. en)

8768/25

SOC 265  
EMPL 167

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol Ħatra tas-Sa Laurentina DÍAZ GIL, membru supplenti għal Spanja, minflok is-Sa Gloria Maria ORTEGA GONZÁLEZ, li rriżenjat

---

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Gloria Maria ORTEGA GONZÁLEZ, bħala membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni msemmija hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għal Spanja).
2. Skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2019/127 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Jannar 2019 li jistabbilixxi l-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol (Eurofound), u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75<sup>1</sup>, il-membri u l-membri supplenti tal-Bord tat-Tmexxija jinħatru mill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 74.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern ta' Spanja ddeżinja lis-Sa Laurentina DÍAZ GIL għal dan is-siġġu għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-31 ta' Marzu 2027.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill:
  - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru supplenti tal-Bord tat-Tmexxija tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol, kif tinsab fid-dokument 8764/25, u
  - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---